**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 347/18 AGV**

AB

Vs

Dr. Marita Pace Dimech u PL. Peter Sammut b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2018 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-19 ta' Frar, 2003, kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda wild u dana skond il-klawsola 4 (i) tal-kuntratt ta' separazzjoni u dan fejn gie ddikjarat illi l-minuri EF ghalkemm twieled fiz-zwieg mhuwiex il-wild naturali tal-intimat.

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Ann Marie Agius li gie ppubblikat fit-13 ta' Lulju, 2009, liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B.

3. Illi peress illi l-minuri EF mhuwiex il-wild naturali tal-intimat ma hemm l-ebda manteniment dovut lir-rikorrenti ghall-minuri u dan skond il-klawsola 4(ii) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Inoltre dan, ma tezistix l-obbligu ta' manteniment la versu r-rikorrenti u lanqas versu l-intimat ghax kien hemm dikjarazzjoni ta' dekadenza reciproka tal-obbligu ta' manteniment u dan skond ir-raba' klawsola (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni.

4. Illi l-partijiet prezentement ighixu 'l boghod minn xulxin u r-rikorrenti lanqas taf fejn l-intimat qieghed prezenzjalment. Ir-rikorrenti ma tridx tirrikoncilja mieghu. Ghaldaqstant, ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

5. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u dan skond l-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

**Fatti**

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat assenti fid-19 ta' Frar, 2003 fir-Registru Pubbliku f'Malta u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

2. Illi fiz-zwieg, ir-rikorrenti kellha tarbija EF li ma kienx wild tal-intimat assenti, peress li minkejja li kienu ghadhom mizzewwgin kienu sseparati.

3. Huwa kkonfermat da parti tal-intimat fil-kuntratt ta' separazzjoni li t-tifel minuri mhux it-tifel tieghu.

4. Gie kkonfermat li l-intimat ma jhallas ebda manteniment ghall-minuri u lanqas ma jaghtu manteniment lil xulxin, kif hemm stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni.

5. Ir-rikorrenti tikkonferma li ilhom legalment isseparati sa mit-13 ta' Lulju, 2009 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Ann Marie Agius.

6. Illum ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda kuntatt mal-intimat u lanqas ghandha l-intenzjoni li tirrikoncilja stante illi qieghda f'relazzjoni ma' GH u ghandhom pjanijiet li jizzewwgu. Tghid li ghandha suspetti li l-intimat mhuwiex hawn Malta peress li huwa ta' nazzjonalita' Gordanjana, pero' tikkonferma li m'ghandhiex numru tat-telefown, cellular jew email fejn tista' tikkomunika mal-intimat.

Rat li dehret il-kuratrici Dr. Marita Pace Dimech li rrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti stante li r-rikorrenti ma kinitx taf fejn jinstab l-intimat assenti u lanqas kellha xi informazzjoni jew dettalji kif setghet tikkomunika mieghu.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati legalment mit-13 ta’ Lulju, 2009 permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Anne Marie Agius.

Tikkonferma li m’ghadx hemm il-possibilita’ ghar-rikonciljazzjoni, peress li llum tinstab f’relazzjoni ohra stabbli.

Tikkonferma ukoll li qatt ma kien hemm obligazzjonijiet ta’ manteniment.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2.Tirriduci t-terminu ghall-appell ghal gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Imhallef Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**